**SEMINARJU TAL-QALB TA’ ĠESÙ**
**IT-TIENI ĊIKLU**

**Richard Nazzareno Farrugia**

# IL-KNISJA U L-KARITÀ

FID-DAWL TA’ L-ENĊIKLIKA

*DEUS CARITAS EST*

Każ ippreżentat bħala
parti mill-kors
tat-Teoloġija

Mons. Anton Borg

Rabat - Għawdex
Jannar 2007
(każ diskuss nhar it-Tlieta, 19 ta’ Diċembru 2006)

# werrej

Il-każ 03

In-novità ta' l-Enċiklika 04

Ir-relazzjoni bejn il-ġustizzja u l-karità u dak li jiddistingwi l-ħidma karitattiva tal-Knisja 06

Il-Knisja tal-*caritas* u l-Knisja tal-festi 13

Bibliografija 15

# il-każ

Kienu qed jitkellmu żewġ żgħażagħ, Anton u Mario, dwar il-festi li torganizza l-Knisja u li huma ħafna u li fihom jintefqu somom kbar ta' flus. Huma kienu qed jargumentaw li l-Knisja – kemm dik lokali, kif ukoll dik universali – għandha timpenja ruħha aktar fil-ħidma soċjali għall-ġid tal-bnedmin kollha anke dawk mhux kattoliċi. Billi huma jagħmlu parti minn grupp impenjattiv fil-Knisja lokali kemm dwar laqgħat ta' formazzjoni spiritwali kif ukoll ta' volontarjat, ħassew li xi kultant il-Knisja titbiegħed mill-ħsieb profond li nsibu fil-Bxara t-Tajba dwar l-impenn ta' karità li għandu jmexxi l-insara kollha. Iltaqgħu ma' Dun Karm li jmexxi dan il-grupp u wriehom li ma qabilx mat-teżi tagħhom u ħeġġiġhom jaqraw l-enċiklika *Deus Caritas Est* tal-Papa Benedittu XVI li fit-tieni parti titkellem kif il-Knisja mal-medda tas-snin għexet il-karità fl-oqsma kollha tal-ħajja tal-bniedem.

- Kif tfisser l-Enċiklika l-mod kif il-Knisja għexet il-karità nisranija tul is-sekli ?
- Kif nistgħu nirribattu għal din l-idea li l-Knisja hija Knisja tal-festi ?

# Stuttura

Dan il-każ jagħmel referenza diretta għall-Enċiklika *Deus caritas est* (DCE), b'mod partikulari t-tieni taqsima tagħha. Wara li jintwera l-valur ta' dokument bħal dan (kap. 1), issir esposizzjoni sistemantika tat-tagħlim li nsibu fit-tieni parti tad-DCE (kap. 2). Tul l-istudju jsiru xi osservazzjonijiet u anki jingħataw xi konklużjonijiet preliminari għal każ. Bit-tagħlim tad-DCE bħala sfond, tiġi diskussa t-tieni mistoqsija tal-każ permezz ta' punti għar-riflessjoni fid-dawl tar-responsabiltà triplika li għandha l-Knisja (kap. 3).

# 1

# In-novità ta' l-enċiklika

## DAĦLA

*Deus caritas est*, ta' l-25 ta' Diċembru 2005, hi l-ewwel enċiklika tal-Papa Benedittu XVI u l-"ewwel enċiklika b'mod assolut fuq l-imħabba*"*.[1] Hu dokument li "jagħmel riflessjoni profonda li tixħet dawl fuq l-imħabba nisranija kkunsidrata taħt l-aspetti filosofiko-teoloġiċi, spiritwali, pastorali u etiko-kulturali tagħha*"*.[2] Hi ssejjaħilna biex nagħrfu mill-ġdid ir-raġunijiet u l-motivazzjonijiet spiritwali li jmexxuna biex inkunu Knisja u nkunu nsara, u li jagħtu sens u valur lil dak li nwettqu u nagħmlu. Dan għaliex hi titkellem dwar "iċ-ċentru tal-fidi nisranija: ix-xbieha nisranija ta' Alla u b'konsegwenza x-xbieha tal-bniedem u tal-mixja tiegħu*"*.[3]

L-Enċiklika hi maqsuma f'żewġ partijiet. L-ewwel parti titkellem mill-*Għaqda ta' l-imħabba fil-ħolqien u fl-istorja tas-salvazzjoni*, u t-tieni parti mill-*Caritas – l-eżerċizzju ta' l-imħabba min-naħa tal-Knisja in kwantu "komunità ta' imħabba".* Huwa fid-dawl ta' din it-tieni taqsima ta' din l-Ittra, li sejrin naraw kif l-imħabba/karità hi "prinċipju ekkleżjali fundamentali*"*[4], u parti mill-"essenza tal-Knisja daqs kemm huma s-servizz tas-Sagramenti u x-xandir tal-Vanġelu*"*.[5]

L-Enċiklika hi innovattiva għax iddawwal il-ħidma karitattiva tal-Knisja billi tagħtiha *pedament teoloġiku*:

> Wasal il-mument li jiġi definit bi preċiżjoni dak li l-Knisja għandha fi ħsiebha u tirrealizza meta taħdem favur il-bniedem. Jeħtieġ li b'aktar konvinżjoni nnisslu ġo qlubna s-sens tal-karità nisranija...B'xorti tajba, is-sensazzjoni komuni fis-soċjetà tagħna hi ħafna filantropika, imma tista' tkun nassa: wieħed jista' jaħseb li m'għandniex bżonn ta' għeruq bibliċi biex ngħixu l-karità! Illum ħafna huma dawk li lesti jgħinu lill-batut – u dak nirrikonoxxuh bi gratitudni u sodisfazzjoni – imma dan jista' joħloq fost il-fidili l-idea li l-karità mhix parti essenzjali tal-missjoni ekkleżjali. Mingħajr fundament teoloġiku sod, l-aġenżiji l-kbar ekkleżjali jistgħu jiġu mhedda b'mod prattiku, biex ma jassoċjawx aktar ruħhom mal-Knisja, u biex iħollu r-rabtiet tagħhom ma' l-Isqfijiet; jistgħu jippreferu li jidentifikaw ruħhom ma' organizazzjonijiet non-governattivi (NGO)...Dan ikun f'kuntrast kbir

[1] WILLIAM-JOSEPH LEVADA, *Intervento nella conferenza stampa di presentazione della prima enciclica del Santo Padre XVI dal titolo "Deus caristas est"* (on-line): http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it

[2] RENATO-RAFFAELE MARTINO, *Intervento…*(on-line) : http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it

[3] BENEDITTU XVI, Ittra Enciklika *Deus caristas est* ġDCEħ (25 Dic 2005), 1 : Vaticano 2006, 3.

[4] DCE, 21.

[5] Ibid., 22.

> ma’ l-istorja bimillenarja tal-Knisja għax ma jikkunsidrax ir-rabta intima li teżisti bejn il-ħidma ekkleżjali favur il-bniedem u l-kredibilità tax-xandir ta’ l-Evanġelju.[6]

Minn issa stess nażżarda nagħmel l-ewwel konklużjoni tiegħi (*tento una prima conclusione*):

Hu x’aktarx minħabba dan li ż-żgħażagħ tal-każ tagħna, Mario u Anton, għalkemm huma impenjati kemm fil-volontarjat u f’laqgħat ta’ formazzjoni ma jistgħux jaraw rabta bejn dawn iż-żewġ aspetti fi ħdan il-Knisja – xi organizazzjonijiet tal-Knisja m’għadhomx animati mill-fundament bibliku li minnu toħroġ l-*ispeċifiċità* tal-karità nisranija. Il-Knisja mhix dik tat-*Tista’ tkun int?*[7]...hi wisq differenti minn dan. U jista’ ikun li Knisja li *tidher* aktar bħala Knisja li tinvesti ammont kunsiderevoli ta’ flus f’festi milli f’ħidma karitativa toħloq aktar l-idea ta’ firda bejn il-Knisja u l-ħidma karitativa, jew – agħar – toħloq dubji fl-insara li l-Knisja marret barra mill-missjoni oriġinarja tagħha.

Sejrin għalhekk infittxu aktar dawl billi nistudjaw direttament il-kontenuti tat-Tieni Parti ta’ l-Enċiklika li hija stedina biex inġeddu u nippurifikaw bħala nsara u bħala Knisja dik il-*caritas* Kristjana li għandha ssuqna[8]

---

[6] PAUL-JOSEF CORDES, *Intervento*… (on-line) : http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it

[7] Programm televiziv Malti li jghin persuni fil-bzonn jew jaqta’ ix-xewqa profonda ta’ xi hadd.

[8] 2 Kor 5,14 : “L-imħabba ta’ Kristu ssuqna.” Din hi kwotata fid-DCE, 33.

# 2

# Ir-relazzjoni bejn il-ġustizzja u l-karità u dak li jiddistingwi l-ħidma karitattiva tal-Knisja fid-dinja

---

Iż-żewġ partijiet ta' l-enċiklika jistgħu jiġu mifhuma sew jekk wieħed jarahom bħala ħaġa waħda. Hu għalhekk li jiena u nikkunsidra xi aspetti sejjer nagħmel riferenza għall-ewwel parti tad-dokument. Din l-għaqda taż-żewġ partijiet hi evidenti għax il-Papa jpoġġi l-ħidma karitattiva tal-Knisja *fid-dawl tat-Trinità u tal-Missier li jibgħat lill-Ibnu fl-Ispirtu*. Għalhekk nitilqu minn dan il-prinċipju: il-ħidma karitativa tal-Knisja – fis-sinifikat profond tagħha – hi ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li hu "dik il-qawwa interjuri li tarmonizza l-qalb tagħhom (tal-fidili) mal-qalb ta' Kristu u jmexxihom biex iħobbu lil ħuthom bħalma ħabbhom Hu*"*:

> Il-ħidma kollha tal-Knisja hi espressjoni ta' dik l-imħabba li tfittex il-ġid sħiħ tal-bniedem: Hi tfittex l-evanġelizazzjoni tiegħu permezz tal-kelma u s-sagrament...; u tfittex tippromwovi l-bniedem fid-diversi aspetti tal-ħajja u ta' l-attività umana. L-imħabba hi għalhekk is-servizz li l-Knisja twettaq biex twieġeb għat-tbatijiet u l-bżonnijiet tal-bniedem, inkluż il-ħtiġijiet materjali tiegħu.[9]

## il-"mistiċiżmu" sagramentali ta' l-Ewkaristija għandu karattru soċjali

L-għaqda ma' Alla titlob "għaqda ma' dawk kollha li jagħti lilu nnifsu għalihom. Ma nistax inżomm lil Kristu għalija biss; nista' inkun tiegħu biss fl-għaqda ma' dawk kollha li saru, jew ser isiru, tiegħu. It-tqarbin joħroġni minni nnifsi lejn (...) l-għaqda ma' l-insara kollha. Insiru 'ġisem wieħed', kompletament magħquda f'esistenza waħda. Issa, l-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu jingħaqdu tassew ma' xulxin*"*.[10] Il-passaġġ li jagħmel Kristu mil-Liġi u l-Profeti għal-kmandament doppju ta' l-imħabba jinseġ flimkien il-fidi, il-qima (kult) u l-ethos bħala realtà waħda li tieħu forma fil-laqgħa tagħna ma' l-*agape* ta' Alla. Għaldaqstant, ma tibqax firda jew opożizzjoni bejn il-qima u l-ethos:

> Ewkaristija li ma tissoktax f'azzjoni konkreta ta' imħabba hi intrinsikament imfarrka...Il-'kmandament' ta' l-imħabba hu possibli biss għaliex hu aktar minn sempliċi rekwiżit. L-imħabba tista' tiġi kkmandata għax l-ewwel u qabel kollox ġiet mogħtija.[11]

---

[9] DCE, 19.
[10] DCE, 14.
[11] Ibid.

Fid-dawl tal-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb[12], il-Papa jgħallem li "kull min għandu bżonni, u 'l kull min nista' ngħin, hu l-proxxmu tiegħi".[13] Barra minn hekk, Ġesù jidentifika ruħu ma' dawk l-aktar bżonnjużi – ma' min hu bil-ġuħ, ma' min għandu l-għatx, mal-barrani, ma' l-għeri, mal-marid, mal-ħabsi[14]. Fi kliem ieħor, "l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu saru ħaġa waħda: Fl-iżgħar fost ħutna nsibu lil Ġesù innifsu, u f'Ġesù insibu lil Alla".[15]

# il-ħajja tat-talb

*Deus caritas est* tippreżentalna lill-qaddisin bħala dawk li juru din l-għaqda bejn l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Huma "ġeddu ta' spiss il-kapaċità tagħhom għall-imħabba tal-proxxmu mil-laqgħa tagħhom ma' Ġesù ewkaristiku, u b'mod reċiproku, din il-laqgħa kisbet ir-realiżmu u l-profondità tagħha mill-qadi lill-oħrajn". Insibu twissija ċara mill-Papa:

> Jekk f'ħajti nitraskura kompletament l-attenzjoni għall-oħrajn, u nkun inrid biss inkun "piju" u nwettaq id-"dmirijiet reliġjużi" tiegħi, allura tinxef anki r-relazzjoni tiegħi ma' Alla.[16]

Din is-sentenza hi oġġett ta' riflessjoni biex niftħu dejjem aktar il-viżjoni tagħna minn Knisja limitata biss għas-sagramenti u d-devozzjonijiet, jew li tpoġġihom fi prijorità fuq dmirijiet oħra li huma daqstant ieħor importanti għax jagħmlu parti mill-istess essenza tagħha.

Element importanti li għandu jsieħeb u janima l-ħidma karitattiva tal-Knisja hu t-talb li hu "mezz biex tieħu qawwa dejjem ġdida mingħand Kristu".[17] Il-Papa jisħaq fuq l-"importanza tat-talb quddiem l-attiviżmu u s-sekularizazzjoni dejjem tikber ta' ħafna nsara li huma impenjati fil-ħidma karitattiva".[18]

L-enċiklika tqiegħed lil Marija bħala mudell li nisġet flimkien il-kmandament doppju ta' l-imħabba u s-sinifikat tat-talb. Fil-kelmiet tagħha, "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej"[19] hi "tesprimi l-programm kollu ta' ħajjitha: li ma tpoġġix lilha nfisha fiċ-ċentru, imma tħalli spazju għal Alla li tiltaqa' miegħu kemm fit-talb u fil-qadi tal-proxxmu – imbagħad it-tjubija tidħol fid-dinja".[20]

Għalhekk, il-qaddisin jagħmluha ċara quddiemna li: "dawk li jersqu lejn Alla ma jitbegħdux mill-bnedmin, imma minflok joqorbu tassew lejhom. F'ħadd ma naraw dan daqshekk ċar jekk mhux f'Marija."[21]

---

[12] Ara Lq 10, 25-37.
[13] DCE, 15.
[14] Ara Mt 25, 31-46.
[15] DCE, 15.
[16] DCE, 18.
[17] DCE, 36.
[18] DCE, 37.
[19] Lq 1, 46.
[20] DCE, 41.
[21] Ibid.

# Ir-responsabilità tal-Knisja għall-karità

> L-imħabba tal-proxxmu, jgħid il-Papa, hi qabel xejn "responsabilità ta' kull membru tal-fidili, imma wkoll hi responsabilità tal-komunità ekkleżjali kollha kemm hi fuq kull livell*"* (n.20). Din "ir-rilevanza konstituttiva*"* ta' l-imħabba tal-proxxmu fil-Knisja kienet tidher sa mill-bidu, per eżempju, fil-pussess komuni tal-ġid bejn il-fidili l-aktar bikrija (Atti 2, 44-45).[22]

Fil-paragrafi 21 sa' 24 ta' l-Enċiklika, il-Papa jiġbor fil-qosor il-ħidma karitattiva tal-Knisja tul l-ewwel sekli biex juri kif il-karità hi waħda mill-elementi essenzjali tagħha. Huwa u jsemmi l-għażla tas-seba' djakni fl-Atti ta' l-Appostli, juri li dawn il-persuni ma kellhomx iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod purament tekniku, imma kellhom ikunu rġiel "mimlija bl-Ispirtu u bl-għerf*"*[23] hekk li l-servizz soċjali tagħhom kellu jkun fl-istess ħin "qadi spiritwali*"*.[24] Isemmi x-xhieda li jagħtu Ġustinu († ċ.155), Tertulljanu († wara s-sena 220), u Injażju t'Antijokja († ċ.117) li jindirizza lil Knisja ta' Ruma bħala dik li "tippresedi fil-karità (*agape*)*"*.[25] L-Enċiklika tirreferi wkoll għall-ewwel strutturi ġuridiċi fi ħdan il-Knisja li kellhom x'jaqsmu mas-servizz tal-karità. Issemmi d-*diaconia* fil-monasteri li bdiet fl-Eġittu madwar ir-IV seklu li maż-żmien żviluppat f'sistema ta' korporazzjoni bejn id-*diaconia* tal-monasteri. Dan il-kunċett insibuh f'Napli u f'Ruma bejn is-sekli VII u VIII. Jissemma wkoll id-djaknu Lawrenz († 258) li baqa' imfakkar fil-Knisja bħala "esponent kbir tal-karità ekkleżjali*"*.[26] Fl-aħħarnett, Benedittu XVI juri kif l-Imperatur Ġuljanu l-Apostata († 363) jurina kemm il-karità organizzata u pratikata kienet element essenjzali għall-Knisja ta' l-ewwel sekli. Hu xtaq joħloq ekwivalent għas-sistema karitativa tal-Knisja minħabba li kien jara li din kienet il-qawwa ta' l-istess Knisja.[27]

Quddiem kwadru storiku bħal dan, l-Enċiklika tislet żewġ veritajiet dwar x'inhi l-Knisja. Dawn il-veritajiet joffrulna stedina biex bħala Knisja – kemm partikulari, lokali u universali – fil-bidu tat-tielet millenju nkomplu niskopru l-għeruq u l-veru essenza tagħna bħala Knisja u nsara.

> Mill-iżvilupp storiku ta' l-aspett ekkleżjali ta' l-imħabba sa mill-bidu tal-Knisja, nistgħu nisiltu żewġ fatti: *is-servizz tal-karità hu parti mill-essenza tal-Knisja, u, it-tieni, ħadd – kemm fil-Knisja u barra minnha - m'għandu jonqsu minn dak li jeħtieġ*. Hawnhekk il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb hi mudell ċert.[28]

Il-missjoni tal-karità (*diakonia*) hi waħda minn "tliet responsabiltajiet*"* li jesprimu n-natura l-aktar profonda tal-Knisja. It-tnejn l-oħra huma x-xandir tal-Kelma ta' Alla (*kerygma-martyria*) u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti (*leitourgia*). "Dawn id-dmirijiet jitolbu lil xulxin u ma jistgħux jiġu mifruda minn xulxin*"*.[29]

---

[22] DAVID L. SCHINDLER, *Benedict's* Deus caritas est – God is love: *the way of love in the church's mission to the world,* fil-*Houston catholic worker,* XXVI/3 (May-Jun 2006) (on-line) : http://www.cjd.org/paper/wayofluv.html
[23] Ara Atti 6,1-6.
[24] DCE, 21.
[25] Ara DCE, 22.
[26] Ara DCE, 23.
[27] Ara DCE, 24.
[28] LEVADA, *Intervento*… (on-line) : http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it
[29] DCE, 25.

# il-ġustizzja u l-karità

Id-*Deus Caritas Est* tfakkar li l-Knisja tat il-kontribut tagħha meta fis-seklu dsatax mal-bidu ta' l-industrija moderna qamu problematiċi ġodda frott l-eżigenza li nħasset biex jiġi stabilit ordni soċjali ġust. Il-paragrafu 27 ta' l-Enċiklika "jikseb valur ermenewtiku ta' sinifikat kbir minħabba l-interpretazzjoni li jagħti dwar mument storiku diffiċli u kruċjali li kien ikkaraterizzat mill-influwenza tal-Marxiżmu*"*.[30] Il-Papa jirrikonoxxu li l-Knisja indunat "biss bil-mod li l-problema ta' struttura ġusta tas-soċjetà kienet qed tiġi proposta b'mod ġdid*"*.[31]

## (a) id-duttrina soċjali tal-Knisja

Hawn l-enċiklika titkellem mid-*duttrina soċjali tal-Knisja*. Fis-sitwazzjoni diffiċli ta' żminijietna, hi saret "indikazzjoni fundamentali li toffri orjentamenti validi li jmorru li 'l hinn minnha*"*.[32] Huwa u jirreferi għat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II,[33] id-dokument jafferma li "il-ġustizzja hi l-iskop u għalhekk il-kejl ta' kull politika...Is-soċjetà ġusta ma tistax tkun opra tal-Knisja, imma trid tkun imwettqa mill-politika*"*.[34] Ġaladarba tiġi affermata l-kompetenza tal-politika u ta' l-Istat fil-bini ta' ordni soċjali ġust, u għaldaqstant affermata l-inkompetenza tal-Knisja u tad-duttrina soċjali tagħha f'din il-binja, il-Papa jgħaddi minnufih biex juri liema hi l-kompetenza speċifika tal-Knisja u tad-duttrina soċjali tagħha. It-tagħlim tiegħu nistgħu niġbruh b'dan il-mod:

> Ġaladarba r-raġuni prattika, li bla waqfien tipprova tara x'inhu ordinament soċjali ġust, hi ta' spiss imqanqla biex issaqsi lilha nfisha dwar x'inhi l-ġustizzja, minħabba li fil-fatt hi maħkuma mill-importanza ta' l-interess u tal-poter, din ir-raġuni *trid tiġi dejjem purifikata mill-ġdid*. Id-duttrina soċjali tal-Knisja, bl-aspetti formattivi profondi tagħha li jikkaraterizzawha, tippreżenta ruħha bħala tweġiba għal din il-ħtieġa permanenti tal-*purfikazzjoni tar-raġuni prattika*. Infatti, il-Qdusija Tiegħu jgħid:... "il-bini ta' ordinament soċjali u statali ġust, li permezz tiegħu jingħata lil kull wieħed dak li ħaqqu, hu kompitu fundamentali li kull ġenerazzjoni jkollha taffronta mill-ġdid. Minħabba li hu kompitu politiku, dan ma jistax ikun inkarigu dirett tal-Knisja. Imma minħabba li hu fl-istess ħin kompitu uman primarju, il-Knisja għandha d-dmir li toffri permezz tal-purifikazzjoni tar-raġuni u permezz tal-formazzjoni etika l-kontribut speċifiku tagħha, sabiex il-ħtiġijiet tal-ġustizzja jkunu jistgħu jingħarfu u jsiru politikament realizzabli.[35]

---

[30] MARTINO, *Intervento…* (on-line) : http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it
[31] DCE, 27.
[32] Ibid.
[33] KONCILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni *Gaudium et spes* (7 Dic 1965). Id-DCE taghmel elenku ta' dokumenti magisterjali tad-duttrina socjali tal-Knisja, ara DCE, 27 : Vatikan, 57. F'dan il-paragrafu ta' l-enciklika tajjeb li naghmlu ninnutaw bl-"ekklezjologija tal-*communio* ta' Vatikan II li, waqt li thaddan id-dimensjoni istituzzjonali tal-Knisja b'fedeltà lejn Vatikan I, madankollu tohrog bit-tifsira distintiva tal-Knisja bhala komunjoni ta' imhabba kristologika-ewkaristika, Din l-ekklezjologija tghin biex ticcara d-distinzjoni krucjali li taghmel id-DCE : ghalkemm l-istituzjoni tal-Knisja u ta' l-istat ghandhom fini propju taghhom, ir-raguni – ir-raguni kondiviza mill-bnedmin kollha – izzomm l-ghan ultimu taghha fl-imhabba li s-sagrament tieghu hi l-Knisja". DAVID L. SCHINDLER, *Benedict's* Deus caritas est – God is love: *the way of love in the church's mission to the world*, fil-*Houston catholic worker*, XXVI/3 (May-Jun 2006) (on-line) : http://www.cjd.org/paper/wayofluv.html
[34] DCE, 28.
[35] MARTINO, *Intervento…* (on-line) : http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it

Għaldaqstant, naraw li l-Knisja għandha d-dmir li permezz tad-duttrina soċjali tagħha tqajjem dawk il-qawwiet spiritwali u morali fil-bini ta' ordni soċjali ġust. Dan id-dmir jaqa' immedjatament fuq il-lajċi nsara li "bħala ċittadini ta' l-Istat, huma msejħa biex jieħdu sehem minn ta' quddiem fil-ħajja pubblika. Huma ma jistgħux jabdikaw (iwarrbu) mill-azzjoni ekonomika, soċjali, leġislattiva, amministrattiva u kulturali, destinata biex iġġib il-quddiem organikament u istituzjonalment il-*ġid komuni.*"[36] Anki jekk il-karità ekkleżjali m'għandha qatt tiġi mħallta u mgerfxa ma' l-attività ta' l-Istat, xorta jibqa' il-fatt li l-karità trid tanima l-eżistenza kollha tal-lajċi nsara u għalhekk anki l-attività politika tagħhom mgħixha bħala "karità soċjali".[37] Għalhekk, il-presenza tal-lajk fil-qasam soċjali tiġi hawnhekk murija f'termini ta' "servizz, sinjal u espressjoni tal-karità, li timmanifesta ruħha fil-ħajja familjari, kulturali, tax-xogħol, ekonomika, politika...u jesprimu l-verità tal-fidi tagħhom u, fl-istess ħin, il-verità tad-duttrina soċjali tal-Knisja li ssib ir-realizazzjoni sħiħa tagħha meta hi mgħixha b'mod konkret fis-soluzzjoni tal-problemi soċjali".[38]

## (b) il-*caritas* meħtieġa dejjem

L-Enċiklika temfasizza wkoll prinċipju ieħor : "l-imħabba – *karitas* – ser tkun dejjem meħtieġa anki fl-aktar soċjetà ġusta. M'hemm l-ebda ordinament ta' stat daqshekk ġust tant li jista' jelimina il-bżonn ta' servizz ta' l-imħabba".[39] L-imħabba nisranija tmur li 'l hinn mill-ġustizzja propjament imwettqa mill-istat għax "ser ikun hemm dejjem it-tbatija li tokrob għall-faraġ u l-għajnuna".[40] Dak li l-aktar għandha bżonn il-persuna sofferenti hi "attenzjoni persunali ta' imħabba"[41]. Ħafna drabi, it-tbatija l-aktar profonda hi dik ikkawżata minħabba "l-istess nuqqas ta' Alla"[42]. Minħabba f'hekk toħroġ l-ispeċifiċità tal-*caritas* nisranija tal-Knisja li hi

> ...ħajja bl-imħabba mkebbsa mill-Ispirtu ta' Kristu, ġimħabbaħ li lill-persuni ma toffrilhomx biss għajnuna materjali, imma anki kenn u kura lir-ruħhom, xi ħaġa li spiss hi aktar importanti mill-għajnuna materjali...L-affermazzjoni li ssotni li l-istrutturi ġusti jagħmlu superfluwi l-opri ta' karità, għandha moħbi taħta kunċett materjalistiku tal-bniedem : il-preġudizzju li l-bniedem jgħix "bil-ħobż biss" (Mt 4,4; cfr Dt 8,3) – konvinżjoni li tbaxxi l-bniedem u tiċħad propju dak li hu speċifikament uman.[43]

B'dan naraw kemm l-organizazzjonijiet karitattivi huma *opus propium* tal-Knisja. Il-karità għandi tkebbes il-qalb ta' kull nisrani. Ir-raġuni li għandha tmexxi lil-lajċi fl-involviment tagħhom fit-tfittxija tal-ġustizzja mhi qatt newtrali. Anzi, "ir-raġuni nnifisha trid tkun ordinata għall-imħabba, imħabba li għandha l-ewwel u l-aktar tifsira bażika tagħha fl-ordni kreat fiż-żwieġ, u fit-Testment il-Ġdid, fl-Ewkaristija tal-Logos Inkarnat".[44]

---

[36] DCE, 29.
[37] Ibid.
[38] MARTINO, *Intervento*… (on-line) : http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it
[39] DCE, 28.
[40] Ibid.
[41] Ibid.
[42] DCE, 31.
[43] DCE, 28.
[44] SCHINDLER, *Benedict's* Deus caritas est – God is love: *the way of love in the church's mission to the world*, fil-*Houston catholic worker*, XXVI/3 (May-Jun 2006) (on-line) : http://www.cjd.org/paper/wayofluv.html

## l-ispeċifiku tal-ħidma karitattiva tal-Knisja

L-Enċiklika ttenni dak li sostna Ġwanni Pawlu II fis-*Sollecitudo Rei Socialis* (1987) dwar il-fatt li l-"Knisja Kattolika hi lesta biex tikkoopera ma' l-aġenziji karitattivi ta' knejjes oħra u komunitajiet ekkleżjali".[45] Biss dan ma jimplikax li l-ħidma tal-Knisja tista' tiġi faċilment mibdula ma' ħidma karitattiva ta' agenżiji statali jew non-governattivi. Benedittu XVI jagħmel tliet kummenti biex juri fejn qiegħed l-ispeċifiku tal-karità nisranija u ekkleżjali.

1. L-ewwelnett, l-insara li jimpenjaw ruħhom fil-ħidma soċjali jridu jkunu kompetenti professjonalment – dan jimplika ġeneralment taħriġ ċivili imma dan mhux biżżejjed għan-nisrani. Barra mit-taħriġ u kompetenza professjonali, l-insara li jaħdmu fil-ħidma karitattiva jeħtieġu l-ewwel u qabel kollox il-*cordis formatio* li jsib l-għeruq tiegħu "f'dik il-laqgħa ma' Alla u ma' Kristu li jqajjem l-imħabba tagħhom u jiftaħ lill-qalbhom għall-oħrajn".[46]

2. It-tieni, "l-attività karitattiva tal-Knisja trid tkun independenti mill-partiti u mill-ideoloġiji. Mhix mezz biex tbiddel l-ideoloġija tad-dinja, u mhix hemm biex taqdi strateġiji tad-dinja, imma hi t-triq li tagħmel preżenti hawn u issa l-imħabba li l-bniedem għandu dejjem bżonn".[47] Il-Papa jeħodha kontra 'l hekk imsejħa "teoriji tal-ftaqir" li jsostnu li dawn il-ħidmiet ma jagħmlux għajr jassekondaw ordinamenti soċjali nġusti u jsaħħu s-sens ta' *status quo*.

3. Il-Papa jgħid li l-istess natura ta' l-imħabba teskludi "dak li llum hu meqjus bħala proselitiżmu"[48] . L-insara li jgħixu din l-imħabba mhuma qatt ser ifittxu li jimponu l-fidi nisranija fuq l-oħrajn:

> Huma jindunaw li l-imħabba pura u ġeneruża hi l-aqwa xhieda ta' dak Alla li fih jemmnu u li jmexxina għall-imħabba. In-nisrani jaf meta hu żmien li jitkellem fuq Alla u meta hu aħjar li ma jgħid xejn u jħalli l-imħabba titkellem waħidha: hu jaf li Alla hu mħabba (cfr 1 Ġw 4,8). L-aħjar difiża ta' Alla u l-bniedem hi propju l-imħabba.[49]

Riflessjoni: Ninsabu ngħixu fi żmien fejn qed tikber ideoloġija li fuqha ftit jitkellmu għax lanqas qed nindunaw biha, fejn l-attivitajiet karitattivi tal-Knisja u dawk sekulari huma meqjusa ftit jew wisq identiċi huma u jiġġieldu kontra l-ġuħ, il-kura għal morda bl-AIDS, fi tfittxija ta' djar għall-orfni u l-bqija. B'hekk li l-imħabba nisranija hi meqjusa b'mod moralistiku bħala speċi ta' rieda tajba li sempliċiment tirbaħ fuq il-loġika tat-taħriġ u l-metodi professjonali-sekulari u tqegħdhom għal skopijiet tajba billi tpoġġi lil din il-loġika f'orizzont intenzjonali ġdid.

L-imħabba nisranija hi wisq aktar u wisq ogħla minn dan, u dan narawh f'qaddisin bħal Madre Tereża:

> B'xi mod l-istess "kif" u "xiex" tal-ħidma soċjali, l-istess tifsira ta' "kompetenza" tieħu f'dawn il-persuni kwalità mibdula, sens differenti ta' żmien, spazju u

[45] DCE, 30.
[46] DCE, 31.
[47] Ibid.
[48] DCE, 31.
[49] Ibid.

presenża. Qaddisin bħal dawn jagħmluha ċara fuq kollox li kull aspett u kollha flimkien – inklużi l-aspetti tekniċi kollha – tal-ħidma soċjali għandhom x'jaqsmu intrinsikament mat-*tifsira* – ultimament, it-tifsira tal-bniedem quddiem Alla – li waħidha tista' tagħti ferħ li ma jintemm qatt fit-tbatija, u t-tama fejn hemm id-disperament. Hu biss b'dan il-mod li l-imħabba/fidi nisranija issir "viżjoni-komprensjoni li tbiddel", distinta minn sempliċi intenzjoni tajba ġdida li tkompli timplika loġika tekniku-sekulari konvenżjonali.[50]

[50] SCHINDLER, *Benedict's* Deus caritas est – God is love: *the way of love in the church's mission to the world*, fil-*Houston catholic worker*, XXVI/3 (May-Jun 2006) (on-line) : http://www.cjd.org/paper/wayofluv.html

4

# Il-Knisja tal-*caritas* u l-Knisja tal-festi

## KONKLUŻJONI

---

Il-Knisja, tfakkarna l-Enċiklika, għandha tliet responsabilitajiet: ix-xandir tal-Kelma ta' Alla, iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, u l-karità. Il-Knisja, fil-ħidma tagħha, trid twieġeb għal dawn it-tliet responsabiltajiet. Kulma tagħmel għandu jwassal lejn dawn, u lejn xejn aktar.

Ispirat minn dan u mit-tagħlim ta' l-Enċiklika li għadna kemm esponejna u kkumentajna, nixtieq nipprova nagħti tweġiba għat-tieni mistoqsija ta' dan il-każ. Qabel xejn nitlaq bil-premessa li nixtieq nagħti xi punti għar-riflessjoni u mhux intenzjoni tiegħi li ngħaddi xi ġudizzju ta' natura partikulari.

a. Meta bħala komunità, jew bħala parroċċa, jew bħala saċerdoti niġu biex norganizzaw il-festa parrokjali jew xi attività oħra, x'inhu l-punt ta' tluq tagħna u l-objettivi li nridu nilħqu jew nixtiequ li jintlaħqu? Huwa l-punt ta' bidu u tmiem, ta' l-objettivi, ispirat minn dawn it-tliet responsabiltajiet li "ma jistgħux jiġu mifruda minn xulxin"? Kull ħaġa oħra li mhix dan, hi forsi iva, attività sabiħa, ta' ferħ, ta' arrikkiment kulturali, ta' spettaklu, ta' għajnuna...imma jista' faċilment jorganizzahom il-Kunsill Lokali bl-istess mod. Il-Knisja tkun qed tiżvija mhux ftit mill-vera vokazzjoni tagħha jekk mhix *martyria-koinonia* **u** *leitourgia* **u** *diakonia*.

b. Fis-sena 2005, il-festi parrokjali fil-gżejjer tagħna qamu Lm 668,144, b'Lm 161,027 (24,1%) f'Għawdex.[51] Flus għall-karità inġabru wkoll. Bosta huma d-djar karitattivi li jimxu permezz tal-kontribuzzjonijiet ta' l-insara. Kważi fil-parroċċi kollha – jekk mhux f'kollha – tul in-novena tal-festa jsir il-ġbir għall-karità. Biss insaqsi: il-festi parrokjali ma jagħtux l-impressjoni – jekk mhux ukoll jirriflettu xi ftit mill-verità – li għal Knisja l-festa tal-patrun/a hi l-aktar ħaġa importanti? Nagħtu importanza ekwivalenti meta niġu biex ngħixu l-karità? U l-karità mhux qed nirriduċuha ħafna meta fil-programmi tagħna nikbtu 'Jum il-Karità' u nistiednu lin-nies iġibu l-flus u l-preserves? Hi din biss il-karità? Forsi kejl ftit prattiku hu li naraw jekk kemm ninvestu enerġiji u flus fil-festa humiex inqas jew aktar mill-enerġiji u l-flus li ninvestu għaċ-ċelebrazzjoni denja tal-liturġija, għax-xandir tal-Kelma ta' Alla fil-pastorali, u għall-karità? Forsi ngħidu li n-nies ma jħossux għal dawn il-ħwejjeġ daqs kemm għall-patrun/a...Imma forsi huma n-nies waħidhom li jagħmluha l-festa?

c. Inħossuna responsabbli bħala Knisja tal-messaġġ li qed inwasslu lis-soċjetà? Araw kemm dan l-aħħar sirna *brand Malta*[52] bil-festi parrokjali tagħna. Il-

---

[51] NATIONAL STATISTICS OFFICE, *Feasts 2005* (19 Jun 06) (on-line) : www.nso.gov.mt

[52] Inizjattiva meħuda tul is-sena 2006 mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) biex tipprova tippromwovi prodotti/aspetti tal-ħajja u l-kultura li huma tipikament Maltin u tkun inċentiv biex tikber il-

> Knisja mużew, organizazzjoni ta' kultura u divertiment? Mhux ftit fi sħab li naħsbu li billi nagħmlu l-priedki u ġbarna għall-karità allura *sewwa u xieraq* li jintefqu l-eluf fin-nar, baned, armar? Huma sbieħ, imma mhux l-essenzjal jew kollox! U jekk forsi ngħidu li xi parroċċi ma għandhomx x'jaqsmu mal-festi esterni għax huma kompetenza tal-każini, inħossuna responsabbli li nuru d-disapprovazzjoni tagħna għal tberbiq żejjed, jew li nedukaw għal dak li hi tassew l-essenza ta' li tkun Knisja u li tkun nisrani? Mhumiex ftit dawk li x'ħin tgħidilhom li d-djoċesi – qed ngħid għal dik ta' Għawdex – hi relattivament fqira...jibdew jidħku f'wiċċi. Quddiem opri u festi straordinarji wieħed jara Knisja sinjura...mhix forsi responsabiltà tagħna li nikkuraw l-image li nagħtu? Hu veru li m'għandniex inkunu Knisja li tibża' mill-kritika u l-kritiċi, imma nismgħu, naqrawha l-kritika? Fejn qed nagħmlu emfażi preċiżament: fis-sekondarju jew fil-primarju?

Lil Anton u lil Mario nippruvaw, bħalma jagħmel dun Karm, ngħidulhom li l-Knisja hi "komunità li tħobb*"*. Imma dwar il-kritika tagħhom li jintefqu somom kbar ta' flus fil-festi, jien inbaxxi rasi, nisma' l-argumenti tagħhom, u nirrifletti – u miegħi nistieden lilkom – dwar kemm aħna qed inkunu leali għal dak li jagħmilna tassew Knisja u tassew insara: l-imħabba:

> Il-fidi, li toħroġ mill-imħabba ta' Alla irrivelat fil-qalb minfuda ta' Ġesù fuq is-salib, tqajjem hi stess l-imħabba. Din l-imħabba hi dawl – fl-aħħar mill-aħħar dawl uniku – li jdawwal dejjem mill-ġdid id-dinja mdallma u jimliena bil-kuraġġ biex ngħixu u naġixxu. L-imħabba hi possibli, u aħna nistgħu nipprattikawha għax aħna maħluqa xbieha ta' Alla. Dan hu dak li nixtieq nistedinkom għalih permezz ta' din l-Enċiklika: li ngħixu l-imħabba u b'hekk inħallu d-dawl ta' Alla jidħol fid-dinja.[53]

---

kwalità tas-servizzi u l-prodotti. Fil-kuntest t'hawn inridu nifhmu bħallikieku l-Knisja saret biss xi ħaġa ta' kultura u ta' spettaklu, jew vetrina għall-interess tat-turisti.

[53] DCE, 39.

# bibliografija


BENEDITTU XVI, Ittra Enċiklika *Deus caritas est* (25 Diċ 2005) : Vaticano 2006.

KON~ILJU Vatikan II, Kostituzzjoni *Gaudium et Spese* (07 Diċ 1965) : *Id-dokumenti tal-Koncilju Ekumeniku Vatikan II*, Valletta 1982.

NATIONAL STATISTICS OFFICE, *Feasts 2005* (19 Jun 06) (on-line) : www.nso.gov.mt .

SALA STAMPA DELLA SANTA SEDE, *Intervento nella conferenza stampa di presentazione della prima enciclica del Santo Padre XVI dal titolo "Deus caristas est"* (on-line): http://212.77.1.245/news_services/bulletin/news/17877.php?index=17877&po_date=25.01.2006&lang=it .

SCHINDLER David L., *Benedict's* Deus caritas est – God is love: *the way of love in the church's mission to the world*, fil-*Houston catholic worker,* XXVI/3 (May-Jun 2006) (on-line) : http://www.cjd.org/paper/wayofluv.html .